



Is-sessjoni plenarja fil-qosor (Strasburgu, 21-24.10.19)

Valutazzjoni ta' tmiem il-mandat għall-Kummissjoni Juncker

Il-MPE ser jivvalutaw il-ħidma tal-Kummissjoni Juncker it-Tlieta filgħodu.

3

Il-MPE jiddibattu r-risultati tas-Summit ta' Ottubru

It-Tlieta filgħodu, il-MPE ser jivvalutaw l-eżitu tal-laqqgħa tal-kapijiet tal-istati membri tal-UE.

4

Il-baġit tal-UE għall-investiment għall-2020: Pont lejn il-futur tal-Ewropa

Il-Parlament se jadotta pożizzjoni dwar il-baġit tal-UE tas-sena li ġejja l-Erbgħa, b'fokus fuq it-tibdil fil-klima, il-qagħad taż-żgħażaġħ, Erasmus, il-migrazzjoni u l-politika esterna.

5

<http://www.europarl.europa.eu/news/mt/agenda/briefing/2019-10-21>

▪

Għal aktar informazzjoni

[Aġenda proviżorja](#)

[Ara is-sessjoni plenarja bil-webstreaming](#)

[Konferenzi stampa u avvenimenti oħra](#)

[EP Multimedia Centre](#)

[EP Newshub](#)

Kuntatti

John SCHRANZ

Press Officer

☎ (+32) 2 284 42 64 (BXL)

☎ (+33) 3 8817 4076 (STR)

☎ (+32) 498 98 14 02

✉ john.schranz@europarl.europa.eu

Valutazzjoni ta' tmiem il-mandat għall-Kummissjoni Juncker

Il-MPE ser jivvalutaw il-ħidma tal-Kummissjoni Juncker it-Tlieta filgħodu.

Minn meta daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni Juncker ittrattat diversi suġġetti, fosthom it-tibdil fil-klima, l-effetti tal-kriżi fl-Eurożona, il-qagħad fost iż-żgħażaġħ, il-migrazzjoni, il-Brexit, l-attakki fuq id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, id-diġitalizzazzjoni, id-diżinformazzjoni u diversi tensjonijiet u kunflitti viċin il-fruntieri tal-UE.

Il-MPE ser jivvalutaw il-kwalità tat-tweġibiet tal-Kummissjoni Juncker għal dawn l-isfidi matul dibattitu t-Tlieta filgħodu.

Dibattitu: It-Tlieta 22 ta' Ottubru

Proċedura: Dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni, segwit minn dibattitu

Għal aktar informazzjoni

[Paġna web tal-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude-Juncker](#)

[Dokument ta' riċerka tal-PE: L-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker: Valutazzjoni ta' tmiem il-mandat \(03-05-2019\)](#)

[Stqarrija għall-istampa tal-PE: Il-Parlament jeleġġi lil Jean-Claude Juncker bħala l-President tal-Kummissjoni \(15.7.2014\)](#)

[Stqarrija għall-istampa tal-PE: Il-Parlament jeleġġi lil Jean-Claude Juncker bħala l-President tal-Kummissjoni \(15.7.2014\)](#)

[Stqarrija għall-istampa tal-PE: Il-Parlament jeleġġi l-Kummissjoni Ewropea l-għdida \(22.10.2014\)](#)
[Materjal awdjoviżiv b'xejn](#)

Il-MPE jiddibattu r-riżultati tas-Summit ta' Ottubru

It-Tlieta filgħodu, il-MPE ser jivvalutaw l-eżitu tal-laqgħa tal-kapijiet tal-istati membri tal-UE.

It-temi prinċipali tas-summit huma n-negozjati dwar il-baġit pluriennali, il-prijoritajiet strateġiċi għall-ħames snin li ġejjin, u t-tibdil fil-klima qabel il-Konferenza dwar il-Klima f'Santiago de Chile f'Diċembru.

Laqgħa separata fis-17 ta' Ottubru hija ddedikata għall-Brexit.

Il-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk u l-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker ser jieħdu sehem fid-dibattitu.

Dibattitu: It-Tlieta, 22 ta' Ottubru

Proċedura: Dibattitu mal-Kunsill u l-Kummissjoni

Għal aktar informazzjoni

[Abbozz tal-aġenda tal-Kunsill Ewropew](#)

[Abbozz tal-aġenda tal-Kunsill Ewropew dwar il-Brexit](#)

[Materjal awdjoviżiv](#)

Il-baġit tal-UE għall-investiment għall-2020: Pont lejn il-futur tal-Ewropa

Il-Parlament se jadotta pożizzjoni dwar il-baġit tal-UE tas-sena li ġejja l-Erbgħa, b'fokus fuq it-tibdil fil-klima, il-qagħad taż-żgħażaġh, Erasmus, il-migrazzjoni u l-politika esterna.

Il-MPE jissottolinjaw, fl-[abbozz ta' riżoluzzjoni](#) tagħhom, li l-baġit tal-2020 għandu jwitti t-triq għall-baġit pluriennali tal-2021-2027 u jipprovdni punt ta' tluq importanti għat-tnedija tal-programmi u l-politiċi l-ġodda tal-UE.

Huma mistennija jkabbru l-[abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni](#) b'żieda ta' €2 biljun biex tiġi protettata l-klima. Barra minn hekk, huma jridu jżidu l-finanzi tal-programmi tal-Inizjattiva għall-Impjiegi taż-Żgħażaġħ u l-Erasmus+ u f'oqsma oħra bħall-SMEs, id-diġitalizzazzjoni, il-migrazzjoni u l-politika esterna, inkluż l-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja.

Il-passi li jmiss

Il-vot fil-plenarja ser jagħti bidu għal tliet ġimgħat ta' taħdidiet ta' 'konċiljazzjoni' mal-Kunsill, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bejn iż-żewġ istituzzjonijiet biex imbgħad il-baġit jiġi vvutat fil-Parlament matul is-sessjoni plenarja ta' Novembru II (25-28 ta' Novembru).

Sfond

Madwar 93% tal-baġit tal-UE jiffinanzja programmi u attivitajiet li jseħħu fil-pajjiżi tal-UE u 'lil hinn. Il-benefikaturi huma ċ-ċittadini, ir-reġjuni, il-bliet, il-bdiewa, ir-riċerkaturi, l-istudenti, l-NGOs u n-negożji.

Dibattitu: it-Tlieta, 22 ta' Ottubru

Vot: l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru

Għal aktar informazzjoni

[Abbozz ta' riżoluzzjoni](#)

[Stqarrija għall-istampa dwar il-vot fil-kumitat \(14.10.2019\) - Vot dwar ir-riżoluzzjoni dwar il-baġit](#)

[Stqarrija għall-istampa dwar il-vot fil-kumitat \(1.10.2019\) - Vot dwar iċ-ċifri](#)

[Infografika dwar il-proċedura tal-baġit](#)

[Fact Sheet dwar il-proċedura tal-baġit](#)

[Materjal awdjoviżiv b'xejn](#)